MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 599/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**
**vs**
**-Omissis-**
**-Omissis-**
**-Omissis-**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**-Omissis-** ta' 16-il sena, bin il-mejjet George u Rita *nee'* Camilleri, mwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu, 1986 residenti 2, Alley 2, College Street, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 135486(M);

**-Omissis-** ta’ 14-il sena, bin David Guy Smith u Josephine *nee’* Zahra, mwieled Imtarfa fit-23 t’ April, 1988 residenti 43, Sir Philip Pullicino, Mtarfa, detentur ta’ passaport Ingliz numru 702789382;
**-Omissis-** ta’ 16-il sena, bin Raymond Tong u Monica *nee’* Azzopardi, mwieled Pieta’ fit-8 ta’ Gunju, 1986 residenti 11, Flt 14, Triq San Tumas, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 306186(M);

Akkuzati talli fis-27 ta’ Jannar, 2003, ghall-habta tad-9.30 ta’ filghaxija fir-Rabat hebbejtu ghall-Adrain Bonello u kkagunajtulu griehi ta’ natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Elazibeth Xeureb M.D. mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat.

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebbejtu kontra Adrian Bonello sabiex tingurjawh, iddejquh jew taghmlulu hsara lill din il-persuna.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Ottubru 2003 skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2004;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-Pulizija kienet irceviet rapport minghand il-kwerelant Adrian Bonello dwar incident fejn persuni kienu rabtuh fuq siggu u qaghdu jmissu partijiet minn gismu bit-tarf ta’ lighter shuna bil-konsegwenza li din halliet marki fuq gisem il-kwerelant. Inoltre l-istess kwerelant kien ilmenta illi waqt dan l-incident dawn il-persuni kienu wkoll sahnu munita ta’ centezmu bl-istess lighter u tefghulu din il-munita tahraq fil-parti privata tieghu. Il-kwerelant kien indika lit-tlett imputati bhala responsabbli meta huwa kien qieghed fil-kumpanija taghhom fil-Kazin Laburista tar-

Rabat u ghalhekk il-Pulizija pprocediet kontra l-istess imputati.

Illi fil-kors tal-gbir tal-provi irrizulta illi l-kwerelant kien jiffrekwenta dan il-kazin u kien midhla ukoll tal-imputati izda l-istess kwerelant ma jgawdix mill-istess agilita' mentali tal-imputati. Mill-ezami tal-provi jirrizulta illi l-imputat –Omissis- kien issellef lighter minghand persuna li dak il-hin kienet fil-kazin u li rat lill-kwerelant marbut fuq siggu. –Omissis- beda jsahhan il-light u jpoggiha ma partijiet tal-gisem tal-kwerelant u dan ix-xhud ikkonferma li t-tlett imputati kienu kolha involuti. L-istess xhud qal ukoll, wara li fl-ewwel deposizzjoni tieghu, kien evaziv u heba l-verita, li l-imputat –Omissis- kien ukoll pogga l-parti privata tieghu ma’ halq il-kwerelant.

Illi jirrizulta illi l-imputati kienu hadu vantagg mill-kwerelant peress illi dan mhux ghall-altezza tal-istat mentali taghhom u ghamlu cajta goffa ghall-ahhar fuqu. Il-provi ma jhallu ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti illi l-imputati kienu responsabbli ghall-dan l-akkadut.

Il-griehi:

Il-kwerelant ilmenta illi l-agir tal-imputati kien kawza ta’ marki ta’ hruq fuq idu u fuq wiccu. Hu ipprokura ritratti li ha tal-marki ftit wara l-akkadut u f’dawn ir-ritratti l-feriti jidhru cari. Fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti innominat espert mediku sabiex jikkonstata l-istess feriti u ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu illi filwaqt illi l-marki f’wicc il-kweelant huwa difficli tikkonkludi li kienu kawzati minn lighter ghaliex ma tantx baqghu vizibbli, l-marki fuq id il-kwerelant huma cerament *burn marks* maghmula minn lighter u li hallew marka permanenti fuq il-gilda.

Illi it-tabiba li kienet ezaminat lill-kwerelant wara l-akkadut kienet ikkonkludiet illi l-feriti kienu hfief izda waqt id-deposizzjoni taghha regghet rat il-feriti u ikkonkludiet illi dawn kien baqghu jidhru. It-tabiba iddeponiet fil-25 ta’ Marzu 2004. L-espert mediku iddikjara fid-deposizzjoni tieghu illi l-feriti kienu “of a slight insignificant nature”;

Illi l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kap 9 jipprovdi illi l-offiza fuq il-persuna hija gravi ukoll:

*Jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.*

Il-marki li irid jghix bihom l-kwerelant huma indubjament prezenti u vizibbli. Id-dikjarazzjoni tal-espert mediku u cioe li l-feriti huma " of a slight insignificant nature" hija wahda preciza u mhux dikjarazzjoni ta' ferita ta' natura hafifa kif qed isostni id-difiza. B'dak li iddikjara l-espert mediku, huwa mifhum minn din il-Qorti illi ma hemmx xi lezjonijiet ta' certu portata izda lezjonijiet li ma tantx jaghtu fil-ghajn. L-artikolu fuq citat ma jaghmel ebda distinzjoni bejn marka fuq l-idejn, wicc jew l-ghonq li tidher ftit jew marka li tidher hafna. If-distinzjoni hija fil-piena li tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Mix-xhieda ta' zewg tobba jirrizulta illi l-marki huma vizibbli fuq il-kwerelant u la darba huma prezenti fuq wahda mill-partijiet tal-gisem msemmija fl-artikolu 216 tal-Kap 9, ikun inutili li wiehed jargumenta li cio nonostante dawn ma tantx jaghtu fil-ghajn u ghalhekk ma jikwalifikawx bhala ferita gravi;

B'hekk jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel akkuza fil-grad rikjest mil-ligi;

It-tieni akkuza invece ma tirrizultax ghaliex ma kien hemm l-ebda hebb fil-konfront tal-kwerelant stante li kif jirrizulta, l-imputati hadu vantagg mill-istat tal-kwerelant u huwa issubixxa ghall-perswazjoni taghhom minghjar ma kien hemm il-hebb li normalment huwa assocjat ma' glied. Stante li f'dan il-kaz ma jirrizulta, ma ssibx lill-imputati hatja tat-tieni akkuza u tilliberhom minnha;

Wara li rat l-artikol 216 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputati;

Stante li fid-data tal-kommissjoni tar-rejat l-imputati kienu minorenni, dawn ghandhom jibbenefikaw mill-provvedimet tal-artikolu 37 tal-Kap 9 li jimponi inzul tal-piena bi grad. Stante li l-imputati huwa "first offenders", qed tilliberhom

bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza u tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-istess imputati stante li kienu minorenni fid-data tal-kommissjoni tar-rejat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------